MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 1303/1992/1

**Maria Concetta maghrufa bhala Connie mart Nazzareno Dalli u l-istess Nazzareno Dalli bhala kap u l-amministratur tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Dalli**

**vs**

**Paul Borg**

**Il-Qorti,**

**Preliminari:**

B'citazzjoni tas-6 ta' Ottubru, 1992 l-atturi ppremettew illi l-attrici kienet tat u kkonsenjat lill-konvenut, li jiggestixxi l-hanut ta' antikitajiet bl-isem "Wirt Antiques" fi Triq l-Imrabat, Sliema, kwantita` ta' ghamajjar u oggetti antiki, li qed jigu elenkati fid-dokument A anness, bl-iskop li l-istess konvenut ibieghhom u wara li jithallas tas-senserija huwa jaghti r-rikavat lill-atturi, jew fin-nuqqas huwa jaghti lura lill-atturi dawk l-ghamajjar u/jew oggetti li ma jkunx irnexxielu jbiegh; illi ghalkemm l-atturi sejhu diversi drabi lill-konvenut sabiex jaghtihom lura l-ghamajjar u l-oggetti antiki proprjeta` taghhom elenkati fid-dokument A jew fin-nuqqas huwa jhallashom il-prezz tal-istess ghamajjar u/jew oggetti, liema prezz jirrizulta mill-anness dokument imsemmi, l-konvenut baqa' inadempjenti; talbu li l-Qorti:-

1) tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju stabbilit mill-qorti huwa jrodd lura lill-atturi l-ghamajjar u l-oggetti antiki li l-attrici kienet fdatlu u kkonsenjatlu bl-iskop specifiku li jbieghhom u bl-obbligu tar-radd lura tal-istess ghamajjar u oggetti fin-nuqqas; u
2) fin-nuqqas il-konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-atturi l-prezz ta' dawk l-ghamajjar u/jew oggetti li huwa jonqos li jaghti lura lill-atturi fiz-zmien preskritt mill-qorti, liema prezz jirrizulta mid-dokument A jew prezz iehor verjuri stabbilit mill-istess qorti.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-28 ta' Marzu 1992; tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 1988/92 ipprezentat fit-22 ta' Gunju 1992 u tar-rikors fl-atti tal-istess mandat; u bl-imghaxijiet mid-data tal-hrug tal-mandat ta' qbid imsemmi sad-data tal-eventwali hlas, kemm-il darba jkun il-kaz – kollha kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher in subizzjoni.

B'nota tal-5 ta' Jannar, 1993 l-konvenut eccepixxa:-

1) Illi d-domandi attrici huma nfondati u ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt billi l-kontendenti kien jaghmlu diversi negozji ghal xulxin fis-sens illi l-esponenti kien jbiegh oggetti taghha u l-attrici kienet tbiegh oggetti tal-

konvenut, u ghandu jsir tpacija tal-ammonti dovuti lil xulxin.
2) Illi l-konvenut ghandu jiehu izjed milli ghandu jaghti u ghalhekk l-attrici m'ghandha tiehu xejn u l-konvenut qed jiehu l-opportunita` biex jaghmel kontro-talba.

Fil-kontro-talba tieghu l-konvenut ppremetta illi huwa kien ikkonsenja lill-konvenuta diversi oggetti u ghamara antiki biex Dalli tbieghhomlu, izda peress illi hija qed izzom l-istess ghalkemm interpellata biex tikkonsenjahom lura baqghet inadempjenti, talab li l-atturi jghidu ghaliex l-qorti m'ghandiex fi zmien qasir u perentorju tikkundannahom iroddu lura l-ghamara u oggetti antiki konsenjati lilhom u fin-nuqqas jhallsu l-prezz ta' dawn l-oggetti li ghandu jigi likwidat permezz ta' periti nominandi. Bl-ispejjes kontra l-atturi li jibqghu ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

L-atturi resqu s-segwenti eccezzjonijiet ghall-kontro-talba tal-konvenut:-
1) Illi ma huwiex minnu illi l-konvenut ta u kkonsenja oggetti lill-attrici sabiex din tbieghhomlu;
2) ghalhekk l-attrici ma tistax tikkonsenja oggetti li hija qatt ma rceviet minghand il-konvenut;
3) illi ma huwiex minnu li l-attrici ghandha taghti xi ammont ta' flus lill-konvenut.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tas-27 ta' April, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili filwaqt li iddikjarat li, kwantu ghall-kontrotalba tal-konvenut il-meritu hu ezawrit u gja ghadda in gudikat (*u dana in vista ta' dak li gie verbalizzat fl-udjenza tat-22 ta' April, 1996)* u ghalhekk astjeniet milli tippronunzja ruhha dwaru, cahdet it-talbiet attrici kif dedotti fl-att tac-citazzjoni. Dwar l-ispejjes l-ewwel qorti pprovdiet li dawk relattivi ghat-talbiet attrici jithallsu unikament mill-atturi, filwaqt li dawk relattivi ghall-kontrotalba tal-konvenut jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet kontendenti. Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel qorti osservat:-
*"Mill-provi li gew prodotti, il-Qorti bilfors ikollha tirrimarka li din il-kawza kienet ikkaratterizzata b'xhieda li ma tistax*

*torbot fuqha ghaliex kemm naha u kemm ohra dehret propensa li kull meta giet rinfaccata b'domandi li htegilhom risposta cara u inekwivoka dwar fatti li jafuhom huma,* *dawn wiegbu b'mod insoddisfacenti ghall-ahhar.* (enfazi ta' l-ewwel qorti) *Minbarra dan, kien hemm ukoll numru ta' diskrepanzi u inprecizazzjonijiet notevoli. Per ezempju, l-attrici kellha tistenna biex tigi kontro-ezaminata biex tikkoncedi li dwar mejda li hija hadet, bla ma hallset ghaliha lill-konvenut, kienet saritilha kawza dwarha u li din il-kawza tilfitha u giet ikkundannata thallas dan l-ammont. Anzi, mistoqsija mid-difensur tal-konvenut jekk din il-kawza intilfitx minnha, l-attrici wiegbet hekk, meta giet ukoll mistoqsija jekk kienetx appellat minn din id-decizjoni.(fol 61),*

*"Ghidt lill-Avukati, l-Avukat jaf."*

*"L-attrici tghid li saru xi pagamenti mill-konvenut wara li hija kienet otteniet mandat kontra tieghu izda tghid li xejn aktar ma rceviet. Izda l-konvenut esebixxa cekk – ara fol. 88 – fl-ammont ta' LM980.00 (disa' mija u tmenin lira maltin) indirizzat lill-"Mrs C. Dalli only" in data tat-28 ta' Mejju 1991 in disdetta ta' dak li xehdet l-attrici. L-attrici tellghet ufficjali tal-Bank of Valletta biex tipprova turi li hlas mhux tassew sar imma ma rnexxilhiex tressaq tali prova kontrarja. Dwar l-oggetti li l-attrici tghid li halliet ghand il-konvenut, hawn ukoll il-provi huma dghajfa hafna. Minbarra fotokopja ta' lista ta' dawn l-oggetti – ara Dok CD fol. 32 tal-process – li tibda bil-kelma "baqa'" – bla firem u bla dati, l-attrici lanqas biss kienet in grad li tiftakar ezattament meta suppost ghaddiet dawn l-oggetti ghand il-konvenut (ara fol 64) ghaliex kif tghid hija stess:*

*"........biss biss ara kemm ilu"*

*"Illi ghalhekk il-Qorti, oltre li m'hija xejn soddisfatta bil-provi tal-attrici, jirrizultalha li l-konvenut kien effettivament hallasha ta' dawn l-oggetti li taghhom tirreklama hlas f'din il-kawza in ezami."*

**L-appell tal-atturi.**

Mis-sentenza fuq riportata appellaw l-atturi li b'rikors tal-5 ta' Mejju, 2000 li, ghar-ragunijiet esposti fir-rikors, talbu tigi riformata s-sentenza tas-27 ta' April 2000 fis-sens li din il-Qorti:-

1. tilqa' t-talbiet tal-esponenti u tikkundanna lill-appellat sabiex jirritorna lill-esponenti fi zmien li tistabilixxi din il-Qorti l-oggetti meritu tal-kawza u li huma elenkati f'Dokument A; u
2. fin-nuqqas tikkundanna lill-appellat ihallas is-somma ta' elf u mitt lira Maltija (LM1,100) bhala valur ta' l-oggetti u liema valur jinsab pacut mal-kreditu kanonizzat favur l-appellat permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-atti tal-kawza fl-ismijiet PAUL BORG VS CONCETTA DALLI (Citaz. Nru: 702/92 AJM) u deciza fit-3 ta' Ottubru 1994;
3. tordna li l-ispejjes gudizzjarji quddiem l-Ewwel Qorti ghandhom ikunu ghak-karigu ta' l-appellat.

Tikkonferma s-sentenza in kwantu din astjeniet milli tiehu konjizzjoni (tat-) talba rikonvenzjonali ntavolata mill-appellat.

**L-aggravji mressqa mill-atturi.**

Fir-rikors ta' l-appell tal-atturi jirrizultaw tlett aggravji ghas-sentenza fuq riportata. Dawn huma in sintesi segwenti:-

1) Li l-eccezzjoni ta' tpacija timplika rikonoxximent tad-debitu.
2) Li qatt ma nghatat eccezzjoni ta' pagament.
3) Dwar l-ispejjes kif decizi mill-ewwel qorti gie rilevat li:-

a) Il-kreditu tal-konvenut appellat gie kanonizzat biss b'sentenza tat-3 ta' Ottubru 1994 u b'hekk qatt ma setghet topera t-tpacija qabel – kif jinghad fl-eccezzjonijiet.
b) Illi l-ispejjes tal-kontrotalba ghandu jbatihom il-konvenut appellat billi din kienet superfluwa stante proceduri ohra fuq l-istess mertu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Minn ezami tas-sentenza appellata jidher li l-ewwel qorti waslet biex cahdet it-talbiet attrici a bazi ta' zewg konsiderazzjonijiet u cioe' li:

(a) ma kienetx soddisfatta bil-provi attrici in sostenn tat-talbiet taghha billi, kif jidher mill-korp tas-sentenza, l-istess qorti hasset li dawn kienu konfuzi u mhux ta' min joqghod fuqhom, u

(b) billi rrizultalha li l-konvenut effettivament kien hallas ta' dawn l-oggetti li taghhom l-attrici kienet qed tirreklama l-hlas.

Illi bhala norma l-Qorti tal-appell ma tiddisturbax d-decizjoni tal-ewwel qorti meta din tkun bazata fuq semplici apprezzament ta' provi li jingiebu quddiema. B'dana kollu kemm-il darba jrrizulta li tali apprezzament tal-provi, mehud ukoll fil-kuntest tal-vertenza proprja, ma jkunx ekwu din il-Qorti hija fid-dmir li taghmel ezami mill-gdid tal-provi sabiex b'hekk issir gustizzja.

**Ikkunsidrat.**

Qabel xejn jigi rilevat li bejn il-kontendenti jidher li kien hemm relazzjoni ta' negozju fuq firxa ta' snin billi l-attrici kienet tixtri minghandu diversi ghamajjar jew oggetti antiki ghad-dar taghha u fl-istess hin kienet tiddeposita ghand il-konvenut appellat diversi effetti mobbli bl-intiza li dan ibieghhom akkont u fl-interess taghha filwaqt li jiehu l-kummissjoni tieghu. Il-konvenut jallega ukoll li kien hemm xi okkazzjonijiet meta huwa stess kien ta' xi oggetti lill-attrici biex din tbieghhom akkont tieghu. Din l-allegazzjoni pero' hija kategorikament michuda mill-attrici (vide fol 54) u llum ma hija ta' ebda rilevanza nkwantu gie dikjarat li in vista tas-sentenza fl-ismijiet inversi Citaz. Nru 702/92 deciza fit-3 ta' Ottubru, 1994 il-mertu fil-kontrotalba kien ezawrit.

Il-Qorti, izda, tosserva li tali dikjarazzjoni turi bic-car li dak li hemm kontenut fin-nota tal-eccezzjoni w kontrotalba tal-konvenut appellat ma kienx veritjer billi '*ex admissis*' il-konvenut issa qed jghid li l-unika pendenza li huwa kellu mal-attrici bhala kreditur kienet dik dwar il-prezz ta' mejda li huwa kien beghlha u xejn aktar. Dan il-fatt fih innifsu

ghandu johloq suspett fil-gudikant dwar ix-xhieda u pretensjonijiet kollha tal-istess konvenut appellat u fl-istess hin jikkorrobora dak li qalet l-attrici u cioe` li hija qatt ma hadet oggetti minghand il-konvenut biex tbieghhom akkont tieghu.

Illi minn dan jidher li l-ewwel qorti ma kienetx korretta fl-apprezzament taghha tax-xhieda tal-attrici meta osservat li "*kien hemm numru ta' diskrepanzi u imprecizazzjonijiet notevoli. Per ezempju, l-attrici kellha tistenna biex tigi kontro-ezaminata biex tikkoncedi li dwar il-mejda li hija hadet, bla ma hallset ghaliha lill-konvenut, kienet saritilha kawza dwarha u li din il-kawza tilfitha u li giet ikkundannata thallas dan l-ammont."* Infatti l-mejda in kwistjoni ma kellha ebda rilevanza ghas-soluzzjoni tal-vertenza billi din qatt ma kienet ghand l-attrici b'depozitu, kif jallega l-istess konvenut fl-eccezzjonijiet u kontrotalba. Tant hu hekk li fil-premessi tac-citazzjoni 702/92 l-istess Paul Borg kien qal hekk "*li fil-21 ta' Awissu 1991 hu biegh lill-konvenuta* (attrici odjerna) *mejda 'antique' tal-Bull bil-prezz pattwit ta' elf u mitejn lira (LM1,200)*". Din il-mejda ghalhekk qatt ma setghet tifforma parti mill-oggetti li "*allegatament*" l-attrici kienet tbiegh ghan-nom tal-konvenut.

Illi finalment il-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti fis-sens li l-konvenuta kienet thallset ta' l-oggetti li taghhom kienet qeghda tirreklama l-hlas, hija ukoll mhux sorretta bil-provi akkwiziti. Infatti jirrizulta in atti li insegwitu ghall-ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid kawtelatorju mahrug fuq talba ta' l-attrici kontra l-konvenut appellat (Mandat numru 1988/92), l-istess konvenut appellat effettwa zewg pagamenti, wiehed ta' LM500 u iehor ta' LM100. Dawn l-ammonti gew moghtija lill-Marixxal li ezegwixxa l-mandat bl-istruzzjonijiet specifici li kellhom jigu depozitati l-Qorti, kif effettivament ghamel l-istess Marixxal. (ara cedoli fol. 46 u 49 tal-process). Dawn l-ammonti ghalhekk certament ma jistghux jigu kunsidrati bhala pagament akkont.

Waqt is-smiegh tal-kawza l-konvenut appellat ipprezenta cheque ghall-ammont ta' LM980 apparentement indirizzat lill-attrici. Jirrizulta li dan ic-cheque issarraf u, ghalkemm l-

attrici tikkontesta li irceviet dawn il-flus, ma jidhirx li hija mehiega perizja kalligrafika biex jigi stabbilit jekk il-firma li tinsab fuq wara tal-istess cheque kienetx taghha jew le. B’dana kollu din il-Qorti ma tistax tifhem ir-rilevanza ta’ dan ic-cheque u ghaliex gie kunsidrat bhala prova ta’ pagament tal-ammont reklamat fil-kawza. Dan ghas-segwenti ragunijiet:-

a) Jidher li l-kwistjoni li tifforma mertu tal-kawza odjerna bdiet meta l-attrici, tramite l-konsulent legali taghha Dr. Frank Cassar, b’ittra tat-28 ta’ Marzu 1993 (Dok CD1) interpellat lill-konvenut biex jew jhallasha LM1,110.00 “*prezz ta’ diversi ghamajjar antiki li hija inkarigatek tbiegh ghan-nom taghha*” jew li jirritorna l-istess oggetti. Ic-cheque in kwistjoni ta’ LM980.00 huwa datat 28 ta’ Mejju 1991 u cioe` ferm qabel ma saret din l-interpellazzjoni.

b) Ma jirrizultax li l-konvenut qatt irrisponda ghal din l-interpellazzjoni jew b’xi mod allega li dak il-pagament kien jirriferi ghal kreditu reklamat mill-attrici fil-proceduri odjerni. Infatti fl-eccezzjonijiet minnu pprezentati dan ic-cehque ma jissemma xejn u lanqas ma inghatat l-eccezzjoni tal-pagament.

c) Illi ma ingiebet ebda prova mill-konvenut appellat li dan il-pagament ta’ LM980.00 kien jikkoncerna l-kreditu pretiz mill-attrici. Ta’ min isemmi hawn li, kif gja inghad fuq, bejn il-kontendenti kien hemm diversi negozji u ghalhekk dan il-pagament seta facilment kien jirriferi ghal negozji precedenti u mhux dawk mertu tal-kawza. Infatti ghalkemm il-konvenut jghid li meta kien jircevi oggetti minghand l-attrici biex jbieghhom ghan-nom taghha ma kienx jentra dan il-fatt fil-ledgers tieghu, huwa kien johrog “invoice” u ghalhekk il-konvenut seta’ facilment jaghmel “reconciliation” biex juri lill-qorti li dak li kien qed jallega “*fi stadju inoltrat tal-kawza*” kien minnu. Dan ma ghamlux u ghalhekk l-allegazzjoni tal-konvenut ma tistax tittiehed bis-serjeta`.

**Ikkunsidrat:**

Illi tenut kont ta’ dak li inghad hawn fuq jidher li l-aggravji li resqu l-appellanti huma gustifikati. Infatti kif sewwa gie rilevat fir-rikors ta’ l-appell l-eccezzjoni tat-tpacija

neccessarjament timplika ammissjoni tad-debitu reklamat. Wiehed ma jistax jpaci kreditu tieghu, bhal ma kien qed jippretendi l-konvenut appellat, kemm-il darba ma hemmx debitu korrispettiv. Wara ezami fid-dettal tal-provi kollha prodotti mill-partijiet din il-qorti hija tal-fehma li bl-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut u sahansitra l-istess kontrotalba, il-konvenut irrikonoxxa d-debitu reklamat, biss hass li huwa ma kienx obbligat li jhallas gia la darba huwa kien kreditur tal-attrici f'somma ekwivalenti jew superjuri ghad-debitu tieghu. Illum, in vista' tas-sentenza tat-3 ta' Ottubru 1994 nafu li fil-verita` l-konvenut huwa kreditur tal-attrici odjerna fis-somma ta' LM1,200 prezz ta' "mejda" antika. B'dana kollu dan ma jnaqqas xejn mill-pretensjoni attrici ghall-ammont minnha reklamat u mhux imhallas.

**Ikkunsidrat.**

Illi l-aggravju rigwardanti l-kap tal-ispejjes huwa wkoll gustifikat billi kemm-il darba l-konvenut jigi kundannat jhallas is-somma mitluba fic-citazzjoni, dan ghandu wkoll ihallas l-ispejjes tat-talba principali. Fir-rigward tal-ispejjes tal-kontrotalba jirrizulta li effettivament din kienet saret inutilment inkwantu l-mertu tal-kontrotalba kien identiku ghall-mertu tal-kawza Citaz. numru 702/92 – tant hu hekk li meta dik il-kawza giet deciza finalment, l-istess konvenut iddikjara li l-mertu tal-kontrotalba kien ezawrit.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tilqghu u b'hekk tirriforma s-sentenza appellata nkwantu tikkonfermaha fejn din ma haditx aktar konjizzjoni tal-kontrotalba tal-konvenut, u tirrevoka l-istess sentenza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien xahar millum jirritorna l-oggetti u ghamajjar elenkati fid-Dok "A", u fin-nuqqas tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' elf mija u ghaxar liri maltin (LM1,110.00) rappresentanti prezz ta' diversi ghamajjar u oggetti antiki, u f'dan il-kaz bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni. Bl-ispejjes kollha, inkluzi dawk tal-kontrotalba, sia tal-prim istanza kif ukoll ta' dan l-appell, ghall-konvenut appellat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------